MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 87/1998/1

**Charles GAUĊI u martu Marianne Gauċi**

**vs**

**Maria BORĠ MIZZI u John Bartolo bħala President u Joseph Chetcuti bħala Segretarju għan-nom u in rappreżentanza taċ-Ċentru Laburista ta' Ħal Qormi għal kull interess li jista' jkollu, u b'Degriet tat-12 t'April, 2002, il-ġudizzju għadda fil-persuna ta' Josephine, Jane u Charlotte aħwa Borġ wara l-mewt ta' ommhom Maria Borġ Mizzi fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Jannar, 1998, li bih l-atturi ippremettew;

Illi l-atturi joperaw l-bar ġewwa ċ-ċentru Laburista li jinsab fi Triq San Bartolomew, Qormi, liema bar huma jikru mingħand il-Kumitat taċ-Ċentru Laburista ta' Ħal Qormi;

Illi l-konvenuta Maria Borg Mizzi, hija ċ-ċenswalista tal-fond sovrastanti numru 137, Triq San Bartolomew; Qormi, liema fond kellu ħsarat strutturali estensivi fis-soqfa, liema ħsara kellhom jiġu riparati;

Illi fil-perjodu bejn it-22 ta' Ġunju, 1997 u l-14 ta' Awissu, 1997, l-atturi, fuq ordni tal-Pulizija, kienu kostretti ma joperawx il-bar sakemm il-konvenuta Maria Borg Mizzi sewwiet il-ħsarat strutturali li kien hemm fil-fond in kwistjoni;

Illi b'riżultat ta' dan il-waqfien mix-xogħol, l-atturi soffrew danni konsistenti f'telf ta' qliegħ għall-perjodu fuq imsemmi;

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u l-eventwali ħlas ta' danni baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant, l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi meta l-istess kienu kostretti ma joperawx il-bar fiċ-Ċentru Laburista ta' Ħal Qormi għall-perjodu mit-22 ta'Ġunju, 1997 sal-14 ta' Awissu, 1997 sakemm isewwiet il-ħsara strutturali li kien hemm fil-fond sovrastanti;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tal-1 ta' Diċembru 1997 u tal-10 ta' Jannar 1998 kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fl-20 t'Ottubru, 1998, li biha l-imħarrka Maria Borġ Mizzi eċċepiet;

1. Fl-ewwel lok illi għandu jiġi kjamat in kawża l-Kummissarju tal-Pulizija li skond ma jallegaw l-atturi kien hu li ordnalhom ma joperawx il-bar fil-perijodu mit-22 ta' Ġunju 1997 sal-14 ta' Awissu 1997.

2. Illi mhux minnu li l-kondizzjoni tas-soqfa kienet tinneċessita l-għeluq tal-bar fl-imsemmi perijodu u għalhekk l-aġir tal-Pulizija kien wieħed illegali u abbużiv.

3. Illi l-konvenuta ma hi responsabbli għall-ebda danni stante li fiż-żmien in kwistjoni iċ-ċens li hija kienet tipposjedi kien wieħed temporanju, li kien wasal biex jiskadi u li kienet għadha kif akkwistatu fl-intier tiegħu ftit żmien qabel u għalhekk l-allegata ħsara fis-soqfa ma kienx fi kwalunkwe każ kaġunat minnha.

4. Illi bla preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ai termini tal-artikoli 1041 et seq tal-Kodiċi Ċivili, sid tal-bini huwa responsabbli għall-ħsara meta din tkun kaġunata mit-tiġrif tal-bini liema eventwalita' ma tinkwadrax ruħha fil-kawża odjerna. Inoltre s-sid ikun responsabbli biss jekk it-tiġrif ikun kaġunat minħabba nuqqas ta' tiswijiet jew minħabba difett fix-xogħol tal-bini. Fil-kawża odjerna la kien hemm tiġrif u lanqas nuqqas ta' tiswijiet jew difett fix-xogħol tal-bini u għalhekk ukoll it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Illi l-konvenuta dejjem użat id-diliġenza u l-prudenza rikjesta bl-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ma hi responsabbli għall-ebda danni.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrka Borġ Miżżi;

Rat in-Nota mressqa fl-4 ta' Frar, 1999, li biha John Bartolo u Joseph Chetcuti f'isem iċ-Ċentru Laburista ta' Ħal Qormi eċċepew;

Illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li mhumiex responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-attur.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija Bartolo u Chetcuti *nomine*;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Frar, 1999[1], li fih l-avukat tal-imħarrka iddikjara li hija ma kinitx għadha tinsisti fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u x-xhud imressqin minnhom;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Ġunju, 2001[2], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza bil-fakulta' li l-partijiet iressqu noti ta' sottomissjonijiet, liema degriet inbidel *contrario imperio* b'ieħor tat-2 ta' Novembru, 2001, wara li irriżulta li l-imħarrka kienet mietet fil-mori tal-kawża;

Rat id-degriet tat-12 t'April, 2002[3], li bih il-ġudizzju għadda fil-persuna ta' wlied l-imħarrka;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-12 ta' Marzu, 2003, tat-12 ta' Ġunju, 2003, tas-16 ta' Ottubru, 2003, tal-11 ta' Diċembru, 2003, tas-7 ta' Mejju, 2004, tat-8 ta' Lulju, 2004, u tat-28 t'Ottubru, 2004, li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Paġ. 156 tal-proċess
[3] Paġ. 162 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni. L-atturi jmexxu bottegin fil-każin Laburista ta' Ħal Qormi, imma jgħidu li bejn Ġunju u Awissu tal-1997 kienu ordnati mill-Pulizija sabiex iżommu l-bottegin magħluq minħabba ħsarat fil-bini ta' fuq il-każin, li tiegħu l-imħarrka hija ċ-ċenswalista. Huma qegħdin jitolbu l-kundanna tal-imħarrkin, jew min minnhom, għall-ħlas tad-danni minħabba n-nuqqas ta' negozju f'dak iż-żmien li l-post kellu jinżamm magħluq;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrka laqgħat billi talbet li jissejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija, billi kienet minħabba l-ordni tiegħu li l-post immexxi mill-atturi nżamm magħluq, u minħabba li tgħid li l-ordni tal-Pulizija kien wieħed illegali u abbużiv; laqgħet ukoll billi qalet li l-post tagħha ma kienx ilha li kisbitu u għalhekk ma kinitx taħti għall-ħsarat li kien hemm fih, u billi l-post ma ġġarrafx ma kienx hemm ħtija għall-ħsarat reklamati mill-atturi u għalhekk hija ma taħti bl-ebda mod għaliex użat ħwejjiġha b'għaqal u pridenza;

Illi l-imħarrkin l-oħrajn jgħidu li huma ma jaħtu xejn għal dak li ġarrbu l-atturi, u l-azzjoni attriċi ma messhiex saret kontrihom;

Illi, kif ingħad, l-imħarrka ma baqgħetx tisħaq iżjed fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha, filwaqt li, fid-Dikjarazzjoni maħlufa tagħhom, l-imħarrkin Bartolo u Chetcuti *nomine* jgħidu li dwar il-fatti jaqblu sostanzjalment ma' dak li jiddikjaraw l-atturi;

Illi l-<u>fatti ewlenin li jsawru l-każ</u> juru li l-atturi kienu jmexxu l-bottegin tal-każin Laburista ta' Ħal Qormi. Kienu ilhom f'din it-tmexxija sa mill-1993[4], u jħallsu kera ta' żewġ liri u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm 2.25) kuljum[5]. Il-każin jinsab f'numru 137, Triq San Bartilmew, filwaqt li l-post ta' fuqu, in-numru 136, huwa tal-imħarrka (għall-kuntrarju ta'

[4] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami 15.11.2000, f'paġ. 120 tal-proċess
[5] Dok "CGA", f'paġġ. 53-6 tal-proċess

dak li jingħad fit-tieni premessa taċ-Ċitazzjoni). Fit-22 ta' Ġunju, 1997, il-Pulizija tad-Distrett kienu żgumbraw il-każin minn kull min kien fih, u taw ordni bħal dik ukoll lin-nies li kienu joqogħdu fil-post ta' fuqu. Ir-raġuni mogħtija kienet li saqaf tal-post ta' fuq il-każin kien f'qagħda li jiġġarraf[6], wara li kien intbagħtilhom rapport f'dan is-sens minn perit tekniku[7];

Illi minn dak inhar, il-każin inżamm magħluq u ma tħalla jidħol ħadd fl-ebda parti tiegħu. Ix-xogħol tat-tibdil tas-saqaf sar f'Lulju, 1997. L-atturi reġgħu fetħu l-bottegin fil-15 t'Awissu, 1997, meta l-każin ingħata permess biex jerġa' jiftaħ[8]. Fiż-żmien in kwestjoni, l-imħarrka kienet waħda mis-sidien tal-post bin-numru 136, u kellha sehem ta' nofs mhux maqsum tal-utli dominju temporanju tiegħu, flimkien ma' żewġha (li kellu n-nofs l-ieħor)[9]. F'Novembru tal-1997, l-imħarrka u żewġha kisbu l-post numru 136 b'xiri u bejgħ mingħand il-bqija tad-direttarji[10]. Il-kawża nfetħet f'Jannar, 1998;

Illi l-ewwel <u>konsiderazzjoni ta' dritt</u> li l-Qorti qegħda tagħmel hija dik li tindika l-bażi legali tal-azzjoni attriċi. Fil-qofol tagħha, l-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dan id-dannu. Imma filwaqt li r-rabta tal-atturi maċ-Ċentru mħarrek kienet waħda kuntrattwali, ma jistax jingħad l-istess dwar ir-"rabta" bejn l-atturi u l-imħarrka. Jidher għalhekk li l-azzjoni attriċi tista' titqies fuq żewġ livelli ta' responsabbilta': dik bejn l-atturi u ċ-Ċentru mħarrek trid titqies fuq il-bażi kuntrattwali, filwaqt li dik bejn l-atturi u l-imħarrka (jew l-aventi kawża minnha) għandha titqies fuq il-bażi tad-delitt jew tal-kważi-delitt;

Illi dwar ir-rabta bejn l-atturi u ċ-Ċentru mħarrek irid jingħad li minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, ma ntwera bl-ebda mod li l-istess Ċentru wettaq xi ksur tar-rabtiet kuntrattwali tiegħu lejn l-atturi. Il-kawża li wasslet għall-għeluq tal-każin għal għadd ta' ġranet ma ntweriex li kien

---

[6] Xhieda Spettur Anthony Cassar 17.5.1999, f'paġ. 39 tal-proċess
[7] Dok "CGI", f'paġ. 46 tal-proċess
[8] Affidavit ta' John Bartolo 12.3.1999, f'paġ. 50 tal-proċess
[9] Dok "MB4", f'paġġ. 86-8 tal-proċess
[10] Dok "BM2", f'paġġ. 89 sa 94 tal-proċess

jaħti għaliha l-istess Ċentru. Lanqas ma jista' jingħad li ċ-Ċentru naqas milli jżomm il-każin fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, għaliex jekk kien hemm ħsara fil-bini din kienet fil-post ta' fuq il-każin u li ċ-Ċentru ma kellu l-ebda kontroll fuqu. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol fir-reqqa tal-kunsiderazzjoni dwar jekk ir-rabta bejn l-atturi u ċ-Ċentru kinitx waħda ta' lokazzjoni vera u proprja jew inkella xi għamla oħra ta' arranġament, bħal twellija. Dan qiegħed jingħad għaliex, fil-każ ta' molestji ta' fatt kawżati minn terzi, is-sid m'huwiex obbligat jagħmel tajjeb għalihom lill-kerrej jew l-okkupant li jkun[11], sakemm il-molestja ma tkunx frott ta' pretensjoni ta' dritt min-naħa tat-terza persuna fuq il-ħaġa mikrija nfisha[12]. Fil-każ preżenti, il-molestja li ġarrbu l-atturi ma kinitx mibnija fuq pretensjoni ta' dritt fuq il-bottegin mikri lilhom;

Illi, minbarra dan, l-istess Ċentru mħarrek bata mill-istess effetti tal-ordni maħruġa mill-Pulizija li minnha batew l-atturi, u, għandu jingħad tassew li ċ-Ċentru kien huwa wkoll milqut bl-istess mod mill-qagħda li nħolqot bl-istat tal-bini ta' fuq il-każin bħalma ntlaqtu l-atturi. Jidher li huwa għalhekk ukoll li ċ-Ċentru mħarrek qabel fil-biċċa l-kbira mal-fatti li fuqhom l-atturi bnew l-azzjoni tagħhom. Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li ċ-Ċentru mħarrek ma jista' bl-ebda mod jitqies ħati għal dak li għaddew minnu l-atturi fil-jiem li l-każin inżamm magħluq;

Illi r-rabta bejn l-atturi u l-imħarrka (jew aħjar, l-aventi kawża minnha) għandha dimensjoni oħra. Kif ingħad, jekk hemm xi bażi għall-azzjoni attriċi fil-konfront tal-imħarrka, din trid titqiegħed fil-kamp tad-delitt jew tal-kważi-delitt. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlieni li jsejjes ir-responsabbilta' ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[13];

Illi huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[14], u li jitqies fi ħtija kull min,

[11] Art. 1550 tal-Kap 16
[12] Art. 1551(1) tal-Kap 16
[13] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[14] Art. 1031 tal-Kap 16

f'għamilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[15]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[16]. Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[17];

Illi bil-frażi "dmir impost mil-liġi" wieħed għandu jifhem kull għamla ta' ksur jew trasgressjoni ta' xi dover li l-liġi tqiegħed fuq persuna partikolari f'xi ċirkostanza partikolari[18], u dan taħt il-massima *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit*. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'liġi hawn wieħed ma jifhimx biss il-liġi ċivili, imma wkoll kull att leġislativ li għandu s-saħħa ta'liġi. B'hekk, fil-każ ta' bini li jitqies li jikkostitwixxi periklu (kemm għal min jidħol fih u kif ukoll għal min ikun għaddej qribu jew taħtu), hemm liġijiet appositi li jipprovdu dwar ir-responsabbiltajiet tas-sidien jew ta' min ikun qiegħed juża l-post. B'mod partikolari, il-każ maħsub fl-artikolu 25 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta jorbot lil kull persuna li b'xi mod ikollha l-kontroll effettiv fuq il-post li jkun u tkun għalhekk f'qagħda li tista' tneħħi l-perikolu, kemm jekk tali persuna hija l-kerrej jew detentur tal-post u kif ukoll jekk kemm-il darba hija sempliċi amministratur tiegħu jew inkella s-sid jew wieħed minnhom[19]. Jibqa' dejjem stabilit li n-nuqqas ta' tħaris minn persuna bħal din ta' xi ordni maħruġ mill-Pulizija biex jitneħħa perikolu jikkostitwixxi ksur tal-liġi[20];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jeħtieġ jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-

[15] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[16] Art. 1033 tal-Kap 16
[17] Art. 1029 tal-Kap 16
[18] App Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bondin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.582**)
[19] App. Krim. Inf. **19.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Cauchi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iv.175**)
[20] App. Krim.Inf. **13.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tonna*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iv.826**)

għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni[21];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jeżistu żewġ ċirkostanzi li jeħtieġu stħarriġ usa'. Dawn iċ-ċirkostanzi jintrabtu mal-kwestjoni dwar jekk l-imħarrka kinitx sid tal-post li s-saqaf tagħha tbiddel, u t-tieni waħda – marbuta mal-ewwel ċirkostanza – hija jekk il-ħsara li kien hemm fis-soqfa kellhiex twieġeb għalihom hi, ladarba għal bosta snin qabel, l-istess post kien f'idejn ħaddieħor. Irid jingħad li, subordinatament, l-imħarrka qanqlet il-kwestjoni tal-inapplikabilita' tal-bażi tar-responsabbilta' fuq il-fatt li, ladarba l-bini ma ġġarrafx[22], allura ma kienx hemm lok li hija twieġeb għad-danni lmentati mill-atturi. Dan l-argument ma jistax jintlaqa' għaliex ir-responsabbilta' ta' wieħed li jagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba minn ħaddieħor b'effett ta' għamil jew omissjoni ta' xiħadd ma tinbeniex biss fuq l-artikolu 1041 jew fuq meta l-bini ta' xi sid jiġġarraf bi ħsara għall-ġid ta' sid jew okkupant ieħor, imma tinbena wkoll, kif intwera, fuq dispożizzjonijiet oħrajn ta' għamla ġenerali mfissrin fl-istess taqsima tal-liġi;

Illi, jibqa' xorta waħda meħtieġ li jiġu mistħarrġin sewwa ż-żewġ ċirkostanzi hawn fuq individwati. Intwera li sa dak inhar li nħareġ l-ordni mill-Pulizija l-imħarrka ma kinitx sid waħdieni tal-post, madankollu intwera wkoll (u xehdet hija stess) li kellha sehem minoritarju tad-dirett dominju. Tant hu hekk li hi xehdet li ħadet iċ-ċens tal-post fl-1994[23]. Jidher ukoll li hi kellha l-kontroll effettiv tal-post, tant li kienet daħlet fih u saħansitra qabbdet lil wieħed Charles Vella biex jiksi l-bejt tal-post bil-"*membrane*" u dan minn rajha u qabel ma kienu nqalgħu l-kwestjonijiet dwar il-perikolu tas-saqaf[24]. Madankollu, fattur dokumentat li jidher li jitfa' dawl siewi fuq din il-kwestjoni u li jirriżulta li sar fi żmien qabel ma nbdiet din il-kawża huwa dak li jissemma fil-kuntratt li bih l-imħarrka (flimkien ma' żewġha) kisbu b'xiri mingħand id-direttarji l-oħrajn kollha f'Novembru tal-1997, il-post numru 136. F'dak il-kuntratt

---

[21] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***
[22] Art. 1041 tal-Kap 16
[23] Xhieda tagħha 7.2.2000, f'paġ. 77 tal-proċess
[24] *Ibid.* f'paġ. 81 tal-proċess

hemm klawsola[25] li tgħid li l-post kien mikri lill-imħarrka u żewġha. Dan ifisser li, skond il-kriterji msemmija aktar 'il fuq, l-imħarrka kienet il-persuna responsabbli li tagħmel tajjeb biex tara li l-ordni tal-Pulizija biex jitneħħa l-periklu jkun imħares kif imiss;

Illi mbagħad, sakemm ġiet biex tinfetaħ il-kawża, ma kien hemm l-ebda dubju li l-imħarrka kienet is-sid (flimkien ma' żewġha) waħdieni tal-post u għalhekk, fil-waqt li nħolqot ir-rabta ġudizzjarja tal-kontestazzjoni, kien ikun għalxejn li jitħarrku s-sidien l-oħrajn li kienu biegħu kull jedd li kellhom fil-post u għalhekk ma kienx għad fadlilhom interess ġuridiku attwali u dirett bħala leġittimi kontradittur fil-konfront tal-pretensjoni tal-atturi;
Illi, b'konsegwenza ta' dan, jiġi li t-tieni ċirkostanza li trid tiġi mistħarrġa tiddependi ħafna minn dan li għadu kemm ingħad. Huwa minnu li l-imħarrka, mingħajr ma kien talabha ħadd, kienet qabbdet li jsir xogħol ta' kisi tal-bjut bil-"*membrane*" li tiegħu nefqet Lm 230[26]. Huwa minnu wkoll li l-ewwel interpellazzjoni tal-atturi saret kemm lill-kumitat taċ-Ċentru mħarrek u kif ukoll lil Carmela Mizzi (l-armla ta' z-ziju tal-imħarrka)[27]. Minbarra dan, l-imħarrka tgħid li kienet saret pressjoni indebita fuqha min-naħa tal-Pulizija li bdew jindikawlha li kienu l-ogħla organi tal-Partit sid tal-każin sottostanti li bdew jisħqu li s-saqaf kien perikoluż. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi ma jwarrbu bl-ebda mod ir-responsabbilta' diretta li l-imħarrka kellha fil-konfront tal-qagħda li kienet teżisti fil-post u l-effetti ta' ordni pubbliku li tnisslu mill-ordni mogħti lilha mill-Pulizija;

Illi għalkemm, f'waqt bikri tal-kawża, l-imħarrka iddikjarat li ma kinitx għadha qegħda tinsisti fuq it-tieni eċċezzjoni tagħha, matul iż-żmien li kienet qegħda tinstama' l-kawża (u saħansitra waqt it-trattazzjoni tal-għeluq) donnha reġgħet qanqlet il-kwestjoni ta' jekk kienx minnu li s-saqaf tal-post tagħha kien f'qagħda mwiegħra tali li kien sejjer jiġġarraf minn ħin għal ieħor. Il-Qorti tħoss li għandha tindirizza din il-kwestjoni wkoll, jekk biss minħabba r-rabta

---

[25] Numru 3, f'paġ. 93 tal-proċess
[26] Dok "BM1", f'paġ. 85 tal-proċess
[27] Dok "BM3", f'paġ. 95 tal-proċess

li kien hemm bejn il-qagħda tas-saqaf u r-raġuni ewlenija li minħabba fiha l-atturi jgħidu li ġarrbu d-danni minnhom reklamati;

Illi ħareġ ċar mill-atti li s-saqaf tal-post tal-imħarrka kien misjur sewwa. Ix-xhieda tal-Perit Refalo[28] hija skjetta u mingħajr ekwivoċi.  Tabilħaqq  hu jgħid li kien jidher li l-ħsara tidher li kien ilha ġejja s-snin.  Ta' fehma li tixbahha hija x-xhieda ta' Charles Vella li, meta ġie biex iqiegħed il-"*membrane*", stqarr li s-saqaf kien fi stat ħażin[29].  Ta' min jgħid li l-imħarrka wkoll ħadet parir minn żewġ periti tekniċi, imma dawn kienu qalulha li ma kellhiex għalfejn tinkwieta għaliex is-saqaf ma kienx perikolanti.   Imma, meta wieħed iqabbel il-konsistenza tal-provi li juru li s-saqaf kien tassew joħloq raġuni għal tħassib ma' s-sempliċi dikjarazzjoni li l-imħarrka kienet ingħatat parir li tali periklu ma kienx jeżisti, il-Qorti jkollha tqis tal-ewwel bħala l-aktar attendibbli;

Illi, ma hemm l-ebda dubju li l-każin inżamm magħluq minħabba u sakemm tlestew ix-xogħlijiet tal-bdil tas-saqaf tal-post tal-imħarrka.  Dan l-għeluq kien l-effett dirett tal-qagħda tas-saqaf li, kif rajna, kien responsabbilta' tal-imħarrka.  Imbagħad l-għeluq tal-każin kien il-kawża tan-nuqqas ta' attivita' kummerċjali min-naħa tal-atturi għaż-żmien kollu li l-każin inżamm magħluq.  Ma ntweriex li l-atturi kellhom xi attivita' ta' xogħol oħra li minnha kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom.  Mela, r-rabta bejn l-għamil jew l-omissjoni tal-imħarrka u n-nuqqas ta' attivita' tal-atturi fit-tmexxija tal-bottegin għandhom rabta diretta ta' kawża u effett;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet joħroġ li l-azzjoni attriċi hija mistħoqqa u l-atturi seħħilhom juru li l-imħarrka (jew l-aventi kawża minnha) huma responsabbili għad-danni li l-atturi ġarrbu bl-għeluq tal-bottegin għaż-żmien reklamat;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-likwidazzjoni tad-danni</u>, l-atturi wrew x'inhuwa t-telf li ġarrbu billi ressqu prospett u kif ukoll kopji ta' denunzji ta' dħul għas-snin ta' qabel ma

[28] Xhieda tiegħu 27.10.1999, f'paġ. 69 tal-proċess
[29] Xhieda tiegħu 15.11.2000, f'paġ. 126 tal-proċess

seħħew il-ġrajja mertu tal-każ u tal-istess sena. Jibda biex jingħad li, kif qal l-għaref avukat tal-imħarrka, il-kopji tad-denunzji tat-taxxa tad-dħul ma tant huma ta' min jorbot fuqhom. Fl-ewwel lok, jidher li d-dokumenti relattivi għas-sena bażi 1994[30] u għas-sena bażi 1995[31] imtlew matul l-2001, jiġifieri żmien twil wara li kienet inbdiet il-kawża. Dwar id-denunzji għas-snin bażi 1996[32] u 1997[33], jiġi rilevat li l-ebda waħda minnhom ma turi d-data. Minbarra dan, il-Qorti tinnota li l-profitt dikjarat fis-sena 1997 (meta l-bottegin kien inżamm magħluq minħabba x-xogħlijiet tal-bdil tas-saqaf) kien jisboq dak dikjarat fis-sena ta' qabel, meta l-bottegin kien inżamm miftuħ matul is-sena kollha. Huwa minnu li, l-bejgħ matul l-1996 kien muri bħala ogħla ħafna mill-bejgħ matul l-1997, meta l-każin kien inżamm magħluq għal xi żmien;

Illi l-Qorti m'hijiex sejra toqgħod fuq id-denunzji tat-taxxa tad-dħul, imma hija tal-fehma ċerta li l-atturi ġarrbu danni kemm dam magħluq il-bottegin immexxi minnhom. Il-fatt waħdu li kien għaddej kera jew korrispettiv kull jum; il-fatt li, mill-provi mressqa, jidher li l-bottegin kien patroċinat tajjeb u kien idum miftuħ sigħat twal; u l-fatt li wara li reġa' nfetaħ il-każin, l-atturi reġgħu bdew minnufih il-ħidma tagħhom fil-bottegin, juru li n-negozju kien fih biċċa ħobż tajba. Il-Qorti qieset il-likwidazzjoni magħmula mill-atturi meta interpellaw liċ-Ċentru mħarrek u lil Carmela Mizzi f'Diċembru tal-1997. Jidhrilha li l-ammonti hemm pretiżi m'humiex ta' barra minn hawn, għalkemm jeħtieġu aġġustament. Fuq kollox, l-imħarrka ma għamlet l-ebda tentativ li tmieri dik il-pretensjoni fid-dettalji tagħha;

Illi għalhekk, il-Qorti qegħda tqis li b'żieda mas-sebat ijiem taż-żmien tal-festa – meta l-bejgħ ikun ġeneralment ogħla mill-bqija tas-sena – il-kumpens li jixraq jingħata dwar il-ħamsa u erbgħin (45) jum l-ieħor li l-bottegin baqa' ma nfetaħx b'ordni tal-Pulizija ikun ta' għaxar liri Maltin (Lm 10) kuljum. Fis-sebat ijiem taż-żmien tal-festa, il-Qorti tħoss li s-somma xierqa li tingħata bħala kumpens għandha tkun ta' erba' mitt lira Maltija (Lm 400);

---

[30] Paġġ. 130-5 tal-proċess
[31] Paġġ. 136-141 tal-proċess
[32] Paġġ. 20-9 tal-proċess
[33] Paġġ. 30-2 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrka Maria Borġ Mizzi kienet responsabbli għad-danni mġarrbin mill-atturi bl-għeluq tal-bottegin immexxi minnhom sakemm saru x-xogħlijiet tal-bdil tas-saqaf tal-post tagħha, u għalhekk trid tagħmel tajjeb għal tali danni;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** taċ-Ċentru mħarrek, billi tiddikjara li l-istess Ċentru ma jaħti bl-ebda mod għad-danni mġarrbin mill-atturi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fis-somma ta' tmien mija u ħamsin lira Maltija (Lm 850);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-aventi kawża tal-imħarrka Maria Borġ Mizzi jħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm 850 in linea ta' danni likwidati;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-imħarrka Borġ Mizzi bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv jitħallsu mill-aventi kawża ta' Maria Borġ Mizzi, ħlief għall-ispejjeż taċ-Ċentru mħarrek, li għandhom jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------